MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Numru 118/1999

Il-Pulizija
(Spettur Gaetano Walker)
vs
Paul Mac Kay

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Paul Mac Kay, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 186050(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bejn it-12 ta' Lulju 1990 u d-29 ta' Frar, 1996, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' aktar minn mitt lira Maltin, izda anqas minn elf lira Maltin mill-fond McKay Confectionary, Triq San Nikola il-Belt, Valletta ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u l-ammont;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-provvedimenti tal-Art. 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi minkejja l-fatt illi l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza fl-10 ta' Lulju, 2001 sal-ahhar seduta mizmuma mill-Qorti jigifieri dik tal-20 ta' Novembru, 2003 id-difiza baqghet ma resqet l-ebda prova u peress illi ghadda trapass ta' zmien konsiderevoli il-Qorti ma kellha l-ebda triq ohra hlief li thalli l-kawza ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fid-29 ta' Frar, 1996 Lawrence Gatt, fitter mal-Korporazzjoni EneMalta, ghamel rapport mal-pulizija illi ftit tal-hin qabel kien ghamel spezzjoni fil-fond Mackay Confectionery, 75 Triq San Nikola il-Belt Valletta u innota illi l-meter tad-dawl kellu xi tbaghbis u kien qieghed isir xi serq tad-dawl. Gie infurmat il-Magistrat tal-ghassa u innomina lill-espert tekniku William Cassar Torreggiani. Giet ukoll konkluza l-Inkjesta Magisterjali.

Illi l-Ispettur Tonna xehed illi meta l-imputat gie interrogat huwa irrifjuta li jaghti d-deposizzjoni tieghu. L-Ispettur Tonna xehed ukoll illi l-meter in kwistjoni huwa irregistrat f'isem l-imputat u jidher illi ghalkemm il-meter kellu is-sigilli, bicciet minn dawn is-sigilli kienu intatti u ohrajn kienu maqtughin u imwahhla mill-gdid bil-kolla. Kien jidher li kien hemm xi bridging ta' wires, u illi konsum ta' l-elettriku ma kienx qieghed jigi registrat f'dan il-meter.

Illi xehed is-Sur Silvio Decelis u esebixxa “break down of estimate” u “record of consumption” u xehed ukoll illi l-ammont illi ghadu pendenti rapprezentanti serq tad-dawl huwa ta’ disgha mija tlieta u disghin lira u erbgha u tletin centezmu (LM993.34.0).

Illi l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, William Cassar Torreggiani, ikkonkluda inter alia illi l-meter in kwistjoni kien qieghed jirregistra telf biss tal-konsum attwali minhabba li kien ibbridgjat permezz ta’ U wires ma tlett terminals, il-meter kien issigillat b’sigilli temporanji, is-sigilli l-blu kienu imcapsin bil-kolla, wiehed mill-‘cartridge fuses’ kien maqtugh u mieghu kellu bicca wire bhala ‘fuse’ u ghaldaqstant gie ampjament ippruvat illi l-meter tad-dawl in kwistjoni gie imbaghbas waqt illi l-fond kien f’idejn l-imputat fuq imsemmi.

Illi l-imputat ma irnexxielux jeghleb il-presunzjoni imposta mil-Ligi kontra tieghu f’kazijiet bhal dawn. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi u ghalhekk l-imputat huwa <u>hati</u> ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (e), 261 (c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 280, 283, 17, 31, 20, 533 u 28 A u 28 H tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti. Ghaldaqstant ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu.

Ghaldaqstant filwaqt illi l-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat ghall-prigunerija ta’ tmintax il-xahar tordna li bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28 A tal-Kap. 9 tali prigunerija tkun sospiza ghal perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’

priguneriija matul il-perjodu operativ ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap 9 u tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum ihallas lill-Korporazzjoni EneMalta is-somma ta’ disa mija tlieta u disghin lira u erbgha u tletin centezmu u wissietu bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos milli jhallas dan l-ammont fiz-zmien stipulat.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------